**174. L-Onor Mario de Marco u l-Onor Jason Azzopardi jipproponu:**

BILLI din il-Kamra:

TAGĦRAF li l-Gvern għandu l-obbligu li jkun kontabbli lejn il-poplu Malti u li ma jaħbix nuqqasijiet gravi li jheddu serjament is-saltna tad-dritt u d-drittijiet fundamentali;

TAQBEL li dan il-Parlament għandu d-dmir li jagħmel skrutinju kontinwu tal-ħidma tal-Gvern;

TISTQARR li l-Gvern għandu d-dmir li ma jagħtix protezzjoni lil min jonqos fid-dmirijiet tiegħu;

TQIS li l-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali qed irnexxi d-dekasteru mingħajr trasparenza filwaqt li l-ħabi sar ir-regola;

TFAKKAR li matul l-aħħar sena saru u ġew konklużi, wara pressjoni pubblika, żewġ inkjesti dwar żewġ każijiet mill-aktar gravi marbuta mal-ħidma tal-Pulizija: każ fejn raġel innoċenti tressaq il-Qorti b'arrest akkużat inġustament b'hold-up, u każ ieħor fejn kienu rtirati l-proċeduri kriminali kontra persuna li allegatament ħebbet għall-Pulizija ġewwa l-Għassa tal- Pulizija;

TINNOTA li fit-3 ta' Settembru 2013 il-Kummissarju tal-Pulizja wiegħed li r-riżultati tal-inkjesta dwar l-ewwel każ se jiġu pubblikati "sabiex iserraħ moħħ in-nies" u li fit-28 ta' Ġunju 2014, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali nnifsu ntrabat li jippublika r-riżultati tat-tieni inkjesta;

JIRRIŻULTALHA li r-rapporti dwar ir-riżultati ta' dawn l-inkjesti għadhom jinżammu moħbija;

u

BILLI s'issa l-Ministru għadu jirrifjuta li jippublika r-riżultati ta' dawn l-inkjesti, kultant bi skużi li ma jixirqux f'pajjiż demokratiku, bħalma hija l-iskuża li l-Ministru kien imsiefer u allura ma kellux ħin jaqra r-rapport;

GĦALHEKK din il-Kamra

1. tiċċensura l-aġir ta' ħabi tal-Ministru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali;

2. tordna lill-Ministru għall-Intern sabiex jippublika immedjatament ir-rapporti fl-intier tagħhom taż-żewġ inkjesti dwar l-operat tal-Pulizija kif spjegat hawn fuq; u

3. tiddikjara li l-poplu Malti jistħoqqlu u għandu d-dritt li t-tmexxija tal-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali tkun waħda nadifa, miftuħa u li tirrispetta l-intelliġenza tagħna lkoll.

7.11.14